Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** GEORGE ABELA
President

6 ta’ Ottubru, 2009

**ATT Nru. XVI ta’ l-2009**

*ATT biex jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, Kap. 363.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità ta’ l-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att ta’ l-2009 li jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda ma’ l-Att dwar Kunsilli Lokali, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 363.

(2) Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ f’dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Kunsilli Lokali jista’ jistabbilixxi b’avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta’ dan l-Att.

**2.** It-Taqsim tal-Att għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tat-Taqsim tal-Att.

(a) minflok il-kliem "IT-TMIEN SKEDA Organizzazzjonijiet mhux tal-Gvern approvati" għandhom jidħlu l-kliem "IT-TMIEN SKEDA Allokazzjoni finanzjarja lill-Kunsilli";

(b) minflok il-kliem "ID-DISA’ SKEDA Rħula żgħar elenkati skond l-artikolu 47A u pjanti tal-konfini" għandhom

jidħlu l-kliem "ID-DISA’ SKEDA Komunitajiet";

(ċ) minflok il-kliem "L-GĦAXAR SKEDA Allokazzjoni Finanzjarja lil Kunsilli" għandhom jidħlu l-kliem "L-GĦAXAR SKEDA Skeda tal-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali"; u

(d) minnufih wara il-kliem "L-GĦAXAR SKEDA Skeda tal-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali" għandhom jiżdiedu l-kliem "IL-ĦDAX-IL SKEDA Reġjuni".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**3.** L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "karta ta’ l-identità" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "komunità" tfisser kull raħal kif elenkat fid-Disa’ Skeda;"; u

(b) minflok it-tifsira "sena finanzjarja" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "sena finanzjarja" tfisser perjodu ta’ tnax-il xhar li jibda fl-ewwel ta’ Jannar u jispiċċa fl-aħħar ta’ Diċembru:

Iżda il-Ministru jista’, wara konsultazzjoni ma’ l-Awditur Ġenerali, permezz ta’ regolamenti jagħti tifsira differenti ta’ sena finanzjarja.".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) Kunsill Lokali jista’ jagħmel *public private partnerships* kemm mas-settur privat kif ukoll ma’ għaqdiet mhux governattivi wara li jkun hemm l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li għandu jagħti l-approvazzjoni biss jekk ikun sodisfatt li tali *partnerships* ikunu ta’ benefiċċju għar-residenti tal-lokalità, u wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-Finanzi u tal-Ministru responsabbli għall-Gvern Lokali.";

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2A) Il-Ministru għandu, wara qbil mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ifassal politika bil-miktub dwar il-Gvern Lokali. L-ebda deċiżjoni magħmula minn xi Kunsill Lokali ma għandha tmur kontra dik il-politika stabbilita."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Kunsilli Lokali li jkun qed jipproponi li jiffinanzja proġett b'self, li jkun ser jieħu aktar minn tmien snin biex jitħallas lura, għandu jissottometti l-proposta tiegħu għall-approvazzjoni tar-residenti tiegħu b'referendum.".

**5.** Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali, il-kliem "fost il-Kunsillieri" għandhom jitħassru. Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

**6.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 8 tal-Att prinċipali.

(a) minflok il-kliem "tliet snin" għandhom jidħlu l-kliem "erba' snin"; u

(b) minflok il-kliem "wieħed trasferibbli." għandhom jidħlu l-kliem "wieħed trasferibbli:" u minnufih wara għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda l-elezzjonijiet għall-kunsillieri għas-snin 2009 sa 2021, it-tnejn inklużi, għandhom isiru kif indikat fl-Għaxar Skeda:

Iżda wkoll il-Prim Ministru jista' jipposponi l-elezzjoni ta' grupp ta' Kunsilli Lokali sa mhux aktar tard minn perjodu ta' sena meta f'dak il-perjodu tkun ser tinżamm elezzjoni għall-Membri tal-Parlament Ewropew jew Elezzjoni Ġenerali u dan biss biex l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali tinżamm fl-istess ġurnata mal-elezzjoni tal-Parlament Ewropew jew l-Elezzjoni Ġenerali.".

**7.** L-artikolu 9 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

(a) minflok il-kliem "sitt ijiem" għandhom jidħlu l-kliem "jumejn tax-xogħol"; u

(b) it-tieni proviso tiegħu għandu jitħassar.

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

**8**. Fl-artikolu 11 tal-Att prinċipali, minflok il-kelma "bżala" għandha tidħol il-kelma "bħala".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

**9**. Fil-paragrafu (d) tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "jsiru l-elezzjonijiet" għandhom jidħlu l-kliem "jew Segretarju Eżekuttiv f'xi wieħed mill-Kunsilli Lokali".

Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

**10.** L-artikolu 15 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47)" għandhom jidħlu l-kliem "ta' mitejn euro (200)"; u

(b) fil-proviso mas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329,37)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn euro (2,000)".

Emenda tal-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

**11.** Fl-artikolu 18 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "għal sitt laqgħat" għandhom jidħlu l-kliem "għal erba' laqgħat".

Emenda tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali.

**12.** Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 19 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn u ħames mitt euro (2,500)".

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att prinċipali.

**13.** L-artikolu 20 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81)" għandhom jidħlu l-kliem "seba' mitt euro (700)";

(b) fil-proviso mas-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kliem "sitt elef u disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12)" għandhom jidħlu l-kliem "sebat elef euro (7000)"; u

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minnufih wara l-paragrafu (g) għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:

"(h) prim kuġin,".

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

**14.** L-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kelma "tliet" għandha tidħol il-kelma "sitt";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "jista' jaħtar" għandhom jidħlu l-kliem "għandu jaħtar"; u

(ċ) fil-proviso tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "jekk Kumitat ta' Tmexxija ma jkunx hekk maħtur" għandhom jidħlu l-kliem "sakemm jinħatar Kumitat ta' Tmexxija".

**15.** L-artikolu 24 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "xi Kummissarju għall-Ġustizzja li jkollu" għandhom jidħlu l-kliem "Kummissarju għall-Ġustizzja li jkollu"; u

(b) minflok is-subartikolu (3) tiegħu, għandhom jidħlu is-subartikoli li ġejjin:

"(3) Ksur tal-Kodiċi ta' Etika għall-Kunsilliera jista' jwassal lil dak il-Kunsillier sabiex il-każ tiegħu jiġi quddiem Bord li għandu jitwaqqaf mill-Ministru biex jittratta każijiet ta' ksur ta' etika. Il-Bord għandu jiġi kostitwit u jitmexxa skond regolamenti li jsiru mill-Ministru. L-istess Bord ikollu s-setgħa li jittratta wkoll l-ilmenti li jsiru mill-pubbliku fil-konfront tal-Kunsill.

(4) Is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv jew xi membru tal-Kunsill għandu jirraporta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kull ksur tal-Kodiċi ta' Etika li jkun sar minn xi kunsillier. Wara li tali rapporti jkunu verifikati mill-Bord imsemmi fis-subartikolu (3) u wara li jkun sar ksur persistenti tal-Kodiċi ta' Etika, għandu jingħata avviż formali mill-Ministru, liema avviż formali għandu jiġi pubblikat fiż-żmien kif jista' jiġi stabbilit b'regolamenti taħt dan l-Att.

(5) Kull membru tal-pubbliku jista' wkoll iressaq talba lit-Tribunal Amministrattiv imwaqqaf
Kap. 490. skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva jekk dan iħossu aggravat b'xi att amministrattiv ta' xi Kunsill Lokali, li jinkludi ħruġ ta' ordni, liċenzja, permess, *warrant*, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba li ssir mill-applikant.".

Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

**16.** L-artikolu 25 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "sakemm xi ħadd jieħu l-kariga ta' Sindku." għandhom jidħlu il-kliem "sakemm xi ħadd jieħu l-kariga ta' Sindku:", u minnufih wara għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda f'każ illi s-Sindku jispiċċa mill-kariga matul it-terminu tal-Kunsill, il-post ta' Sindku għandu jimtela' minn dik il-persuna tal-istess partit li tkun ġabet l-akbar ammont ta' voti fl-ewwel għadd wara s-Sindku li jkun qed jispiċċa mill-kariga:

Iżda f'każ li l-liġi ma tkunx tipprovdi xort'oħra, is-Sindku jintgħażel minn fost il-Kunsillieri.";

(b) minnufih wara subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1A) F'każ illi żewġ persuni li jkunu ġew eletti t-tnejn fl-ewwel għadd iġibu l-istess ammont ta' voti fost il-Kunsillieri ta' dak il-partit li jkollu l-maġġoranza ta' Kunsillieri, għandha tinħatar bħala Sindku dik il-persuna li jkollha l-aktar esperjenza bħala kunsillier u li għalhekk tkun ilha sservi għall-akbar numru ta' snin fost it-tnejn fil-Kunsill:

Iżda fil-każ li żewġ Kunsillieri jkollhom l-istess ammont ta' servizz fil-kariga, il-kariga ta' Sindku għandha timtela mill-Kunsillier l-aktar anzjan fl-età:

Iżda wkoll f'każ li jġibu l-istess ammont ta' voti iżda ma jkunux eletti fl-ewwel għadd jiġi maħtur bħala Sindku dak li jiġi elett l-ewwel.";

(ċ) id-disposizzjoni li hemm fis-subartikolu (2) tiegħu għandha tiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) tiegħu u minnufih wara għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) Fil-każ li l-post ta' Viċi Sindku jiġi vakat, għandu jiġi maħtur bħala Viċi Sindku dak il-Kunsillier tal-partit li jkollu l-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri fil-Kunsill Lokali li jkun ġab l-akbar ammont ta' voti (l-ewwel preferenza) wara dak il-Kunsillier li kien qed jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku.";

(d) fis-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kliem "minn jumejn tax-xogħol" għandhom jidħlu l-kliem "minn erbat ijiem tax-xogħol"; u

(e) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Sa mhux aktar tard mit-tielet laqgħa wara l-elezzjoni tal-Kunsill, kull Kunsillier għandu jiġi assenjat qasam speċifiku li huwa għandu jsegwi u jirraporta dwaru fil-Kunsill Lokali. Dak il-Kunsillier jista' wkoll jifforma kumitat, li huwa għandu jippresjedi, sabiex jaħdem f'dak il-qasam. F'dak il-każ il-membri ta' dak il-kumitat għandhom jiġu approvati mill-Kunsill qabel ma dawk il-membri jibdew bil-ħidma tagħhom. Dan il-punt għandu jidħol fl-ordni tax-xogħol għal-laqgħat kif speċifikat hawn aktar qabel.".

**17.** L-artikolu 29A tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 29A tal-Att prinċipali.

"Kif tissejjaħ laqgħa ta' urġenza. 29A. Is-Sindku, jew mill-inqas terz tal-Kunsillieri, ikollhom d-dritt li jitolbu li tissejjaħ laqgħa b'urġenza. Il-laqgħa b'urġenza għandha titratta biss il-materja urġenti li għaliha tkun issejħet u xejn iżjed. Il-laqgħa sussegwenti xorta għandha tinżamm fl-istess ġurnata li tkun ġiet iffissata fl-aħħar laqgħa regolari. Is-Segretarju Eżekuttiv ikun obbligat li jsejjaħ il-laqgħa b'urġenza sa mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol minn meta ssir it-talba.".

**18.** L-artikolu 32 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

"Tiżdied *allowance* lill-Kunsillieri. 32. (1) Il-Kunsill għandu jħallas onorarju lis-Sindku tal-lokalità tiegħu skond kif ġej:

(a) fl-lokalitajiet taħt ħamest elef resident (ħames Kunsillieri), terz tal-onorarju ta' membru parlamentari;

(b) fil-lokalitajiet b'inqas minn ħmistax-il elf resident (b'seba' jew disa' Kunsillieri), nofs tal-onorarju ta' membru parlamentari;

(ċ) fil-lokalitajiet kollha fejn hemm aktar minn ħmistax-il elf resident (b'aktar minn disa' Kunsillieri) l-onorarju għandu jkun ta' żewġ terzi tal-onorarju ta' membru parlamentari:

Kap. 318.

Iżda dak l-onorarju ma għandux ikun meqjus bħala dħul għall-finijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(2) Il-Ministru jista', permezz ta' regolamenti, jistabbilixxi l-*allowance* li l-Kunsilli jistgħu jħallsu lill-Kunsillieri, liema *allowance* għandha tkun proporzjonat man-numru tal-laqgħat li Kunsillier ikun attenda f'xi sena kalendarja:

Kap. 318.

Iżda dik l-*allowance* ma għandhiex tkun meqjusa bħala dħul għall-finijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali:

Iżda wkoll ma jista' jsir l-ebda pagament mill-Kunsill għal rimborż ta' spejjeż magħmula.

(3) Kull Kunsillier għandu għas-spejjeż tiegħu ikun obbligat li jkollu servizz ta' posta elettronika fir-residenza tiegħu. Kull korrispondenza, minuti u dokumenti għandhom jintbgħatu lill-Kunsillieri permezz tal-posta elettronika u għall-finijiet ta' notifika jitqiesu bħala notifika valida.

(4) Kunsillier impjegat mas-settur pubbliku għandu d-dritt li jattendi laqgħat uffiċjali tal-Kunsill waqt il-ħin tax-xogħol mingħajr ma' jitlef mill-*leave* tiegħu.".

Emenda tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

**19.** L-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-paragrafi (m), (n) u (o) għandhom jiġi enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (w), (x) u (z) rispettivament, u minnufih wara l-paragrafu (l) għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(m) fil-kuntest ta' pjan nazzjonali ta' azzjoni, il-Kunsilli għandhom jippromwovu inizzjattivi ta' politika soċjali fil-lokalità tagħhom. Il-Kunsill għandu jaħdem ma' persuni bi bżonnijiet speċjali, ma' tfal u żgħażagħ bi

problemi ta' litteriżmu, ma' anzjani, persuni bi problemi ta' saħħa mentali, fil-kura fil-komunità kif ukoll ħidma b'inizjattivi fil-qasam tal-kura preventiva;

(n) iħarsu l-identità lokali u għalhekk jieħdu dawk l-inizjattivi neċessarji sabiex iħarsu l-wirt storiku u kulturali tal-lokal, it-tradizzjonijiet u l-folklor;

(o) fil-qafas ta' regolamenti li jsiru mill-Ministru, jagħtu għajnuna lill-artisti, mużiċisti u sportivi mill-lokal tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom;

(p) jorganizzaw attivitajiet kulturali li jippromwovu l-lokalità b'kull mod;

(q) iħarsu l-ambjent naturali u urban tal-lokalità u jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jassiguraw użu aktar effiċjenti tal-enerġija, immaniġġar tajjeb tal-iskart u inizjattivi għat-tħaris tal-klima;

(r) bi ftehim mal-awtoritajiet edukattivi jagħmlu l-aħjar użu tal-faċilitajiet li jeżistu fl-iskejjel fil-lokalità wara l-ħin normali tal-iskola, bħal faċilitajiet sportivi, swali tal-iskejjel u laboratorji tal-informatika, kif ukoll tal-użu ta' faċiltajiet pubbliċi oħra fil-lokal;

(s) jorganizzaw attivitajiet sportivi għar-residenti ta' kull età, jaħdmu mill-qrib mal-għaqdiet sportivi tal-lokal, jipprovdu faċilitajiet sportivi tajbin u jorganizzaw attivitajiet sportivi li normalment ma jsirux mill-għaqdiet sportivi tal-lokal;

(t) jaraw li jħaddmu l-kunċett ta' *life-long learning* mar-residenti kollha, speċjalment dawk adulti u anzjani, billi joffru servizzi għal dan il-għan fil-lokalità stess;

(u) jieħdu ħsieb u jipprovdu servizz ta' librerija fil-lokalità;

(v) jippromovi politika imprenditorjali fejn il-Kunsill jara li jqarrab lejn xulxin l-interessi tas-sidien tan-negozji mal-ħtiġijiet tar-residenti u konsumaturi fil-komunità. Il-Kunsill jara kif joħloq attivitajiet fejn jippromovi aktar kummerċ fil-lokalità tiegħu filwaqt li jiffaċilita kull proċedura tal-Kunsill biex l-attività

kummerċjali taħdem b'inqas burokrazija u tkun megħjuna ittejjeb il-kwalità tas-servizz tagħha lill-konsumaturi;";

(b) fil-paragrafu (j) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kelma "*crèches*" għandhom jidħlu l-kliem "Ċentri għall-Kura tat-Tfal";

(ċ) fil-paragrafu (k) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "djar għall-anzjani" għandhom jidħlu l-kliem "Djar għall-Anzjani, Ċentri ta' Matul il-Jum għall-Anzjan u Ċentri ta' matul il-Lejl."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) (a) Jistgħu jiġu miżjuda diversi funzjonijiet ġodda lill-Kunsilli Lokali. Kull funzjoni tiġi devoluta meta l-Gvern Ċentrali jkun konvint li l-Kunsilli Lokali huma preparati biex jieħdu din ir-responsabilità.

(b) Fil-każ ta' devoluzzjoni ta' funzjonijiet ġodda dawn il-funzjonijiet l-ewwel jiġu mgħoddija lil numru żgħir ta' Kunsilli Lokali, jekk jista' jkun ta' daqsijiet differenti, sabiex isservi bħala prova.".

Emenda tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

**20.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 35 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "darbtejn fil-gazzetti kollha ta' kuljum" għandhom jidħlu l-kliem "bil-Malti u bl-Ingliż darbtejn f'żewġ gazzetti ta' kuljum waħda bl-ilsien Malti u l-oħra bl-ilsien Ingliż".

Emenda tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

**21.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (69.88)" għandhom jidħlu l-kliem "sebgħin euro (70)", minflok il-kliem "ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65)" għandhom jidħlu l-kliem "ħmistax-il euro (15)", minflok il-kliem "elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn euro (2000)", u minflok il-kliem "ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34)" għandhom jidħlu l-kliem "ħames mitt euro (500)".

Emenda tal-artikolu 37 tal-Att prinċipali.

**22.** L-artikolu 37 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "jistgħu jifformaw u jkunu parti minn" għandhom jidħlu l-kliem "għandhom jifformaw parti mill-"; u

(b) minnufih wara subartikolu (3) tiegħu, għandu

jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) In-numru ta’ reġjuni għandu jkun ta’ ħamsa skont kif stabbilit fil-Ħdax-il Skeda tal-Att. Kull bdil ta’ lokalità minn reġjun għall-ieħor issir mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dan it-tibdil għandu jsir wara li jiġu kunsidrati l-aspett ġeografiku, t-total ta’ popolazzjoni f’kull reġjun u n-numru ta’ Kunsilli Lokali f’kull Reġjun.".

Emenda tal-artikolu 39 tal-Att prinċipali.

**23.** Fit-tielet proviso ma’ l-artikolu 39 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)" għandhom jidħlu l-kliem "mitejn u ħamsin euro (250)".

Emenda tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali.

**24.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "għall-offerti" għandhom jidħlu l-kliem "jew għall-kwotazzjonijiet", u minflok il-kliem "avviż f’gazzetta." għandhom jidħlu l-kliem "avviż fil-Gazzetta u f’gazzetta waħda ta’ kull jum. Ir-regolamenti dwar il-pubblikazzjoni tal-offerti u kwotazzjonijiet għandhom isiru mid-Direttur u jiġu kkomunikati lill-Kunsilli Lokali.".

Żjieda ta’ artikolu ġdid ma’ l-Att prinċipali.

**25.** Minnufih wara l-artikolu 40 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea.

41. F’każ ta’ proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea, il-proċeduri tal-offerti għandhom ikunu skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea u dawn għandhom ikunu regolati mid-Dipartiment tal-Kuntratti.".

Emenda tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali.

**26.** L-artikolu 43 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "mill-inqas darba fix-xahar" għandhom jidħlu l-kliem "sakemm dan il-perjodu ma jaqbiżx ħames ġimgħat konsekuttivi", minflok il-kliem "s-Sindku" għandhom jidħlu l-kliem "l-Kunsill", u l-kliem minn "Il-laqgħat tal-Kunsill" sal-kliem "jkunu fil-kariga,"iż-żewġ espressjonijiet inklużi, għandhom jitħassru; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Jekk mhux stabbilit mod ieħor permezz ta’ deċiżjoni unanima tal-Kunsillieri, il-laqgħat tal-Kunsilli

Lokali għandhom jibdew mhux qabel il-5.30 p.m. u mhux aktar tard mis-7.30 p.m. u qatt ma għandhom jaqbżu t-tlett siegħat.".

Emenda tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali.

**27.** Minnufih wara l-paragrafu (ċ) tal-artikolu 45 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) l-aġenda tal-laqgħa trid tasal għand il-Kunsillieri mill-anqas ħames ġranet tax-xogħol qabel il-laqgħa.".

Emenda tal-artikolu 46 tal-Att prinċipali.

**28.** Fl-artikolu 46 tal-Att prinċipali, il-kliem "sa fejn ikun prattikabbli" għandhom jitħassru.

Emenda tal-artikolu 47 tal-Att prinċipali.

**29.** L-artikolu 47 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "mhux iktar minn erba' persuni" għandhom jidħlu l-kliem "mhux anqas minn tlett persuni u mhux aktar minn tmien persuni"; u

(b) is-subartikolu (6) tiegħu għandu jitħassar.

Sostituzzjoni tal-artikolu 47A tal-Att prinċipali.

**30.** Minflok l-artikolu 47A tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Komunitajiet.

47A. (1) Il-komunitatjiet għandhom ikunu dawk li jinsabu elenkati fid-Disa' Skeda, liema Skeda għandha tistabilixxi ukoll il-konfini ta' kull komunità u t-toroq li jinsabu fihom.

(2) Il-Ministru jista' jżid jew inaqqas mill-lista ta' komunitajiet elenkati fid-Disa' Skeda skont il-proċeduri stabbiliti fis-subartikoli (3) u (4).

(3) Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien wara konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-lokalità jiddikjara area ġewwa l-lokalità bħala komunità għall-finijiet tal-liġi u b'hekk permezz ta' regolamenti din tiżdied mad-Disa' Skeda.

(4) Residenti ta' xi area li ma tkunx inkluża fid-Disa' Skeda jistgħu jissottomettu talba lill-Kunsill Lokali tagħhom biex din l-area tiġi inkluża fid-Disa' Skeda. Il-Kunsill għandu fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba jiddiskutiha u jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Ministru li għandu jieħu deċiżjoni dwar din it-talba fi żmien xahrejn minn meta jirċievi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

(5) Kull komunità elenkata fid-Disa' Skeda għandu jkollha Kumitat Amministrattiv li jiġi elett f'elezzjoni apposta li ssir fost ir-residenti reġistrati f'dik il-komunità. L-elezzjoni għall-ħatra ta' Kumitat Amministrattiv għandha tinżamm skont regolamenti li jsiru mill-Ministru.

(6) Il-Kumitat Amministrattiv għandu jkun iffurmat minn ħames persuni li għandhom iservu għal perjodu ta' erba' snin. Il-Kumitat fl-ewwel laqgħa tiegħu għandu jaħtar *Chairperson* minn fost il-ħames persuni eletti.

(7) Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv ikollu d-dritt li jattendi l-laqgħat tal-Kunsill u jieħu sehem fid-diskussjoni iżda ma jkollux dritt li jieħu sehem fid-deċiżjonijiet.

(8) Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali għandu jkun is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Amministrativ u għandu wkoll ikun responsabbli għat-tmexxija finanzjarja tiegħu. Is-Sindku tal-lokalità jew rappreżentant tal-Kunsill nominat għal din il-fini mill-Kunsill Lokali jkollu dritt li jattendi u jieħu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat Amministrativ.

(9) Il-Kumitat Amministrattiv għandu jingħata allokazzjoni finanzjarja li tkun parti mill-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali u li tiġi maħduma abbażi tal-istess formola ta' finanzjament tal-Kunsill Lokali li tinsab fit-Tmien Skeda. Kull deċiżjoni dwar l-użu ta' dawn il-fondi għandha tiġi attwata wara ratifika mill-Kunsill Lokali tal-lokalità. Il-Kumitat Amministrattiv ikollu wkoll id-dritt li japplika għal fondi tal-Unjoni Ewropea u li jġib finanzjament minn fondi speċjali u fondi oħra biex isiru inizjattivi u proġetti fiż-żona tiegħu.".

Emenda tal-artikolu 48 tal-Att prinċipali.

**31.** L-artikolu 48 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "li jkunu, sa fejn hu possibbli," għandhom jidħlu l-kliem "li għandu jkun"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "fil-ġranet kollha tax-xogħol" għandhom jidħlu l-kliem "inkluża l-ġurnata tas-Sibt".

Emenda tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali.

**32.** L-artikolu 49 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikoli minn (1) sa (3) tiegħu, it-tnejn inklużi, għandhom jidħlu li ġejjin:

"(1) Kull Kunsill għandu jkollu Segretarju Eżekuttiv.

(2) Il-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv għandha ssir mill-Kunsill wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-Ministru, liema nomina tkun saret skont is-subartikolu ta' wara dan.

(3) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun uffiċjal mis-servizz pubbliku magħżul minn *pool* ta' persuni għal dan il-għan.";

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Segretarju Eżekuttiv rispettivament" għandhom jidħlu l-kliem "mill-istess *pool*"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandhom

jiżdiedu s-subartikolu ġodda li ġejjin:

"(5) Il-Ministru jista' jneħħi jew jittrasferixxi Segretarju Eżekuttiv minn Kunsill għal ieħor skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) kif ukoll iżomm numru limitat minn *pool* ta' Segretarji Eżekuttivi żejda fid-Dipartiment biex dawn jimlew postijiet vakanti li jinħolqu minn żmien għal żmien.

(6) Segretarju Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga jew jiġi trasferit minn Kunsill Lokali ghall-ieħor mill-Ministru kif ġej:

(a) fuq talba tal-Kunsill Lokali, wara li titressaq mozzjoni bir-raġunijiet għat-tneħħija u tiġi approvata mill-Kunsill Lokali;

(b) fuq talba tas-Segretarju Eżekuttiv stess f'liema talba huwa għandu jagħti r-raġunijiet għaliex irid jispiċċa mill-kariga f'dak il-Kunsill Lokali;

(ċ) fuq talba tad-Dipartiment għal Gvern Lokali wara li nuqqasijiet li joħorġu fir-rapport tal-awdituri jew meta wara investigazzjoni mid-Dipartiment jirriżulta li s-Segretarju Eżekuttiv ikun wettaq abbuż jew ħalla li jitwettqu abbużi u ksur tal-liġi jew regolamenti mill-Kunsill Lokali:

Iżda f'kull każ il-Ministru jista' jieħu dawk il-passi li jidhirlu xierqa biex kull parti tingħata l-opportunità li tressaq il-każ tagħha qabel jieħu d-deċizjoni finali:

Iżda wkoll it-tneħħija mill-kariga jew it-trasferiment ta' Segretarju Eżekuttiv ma żżommx milli jittieħdu l-passi dixxiplinari taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.". Kap. 497.

**33.** Minnufih wara l-paragrafu (f) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 52 tal-Att prinċipali.

"(g) jeżegwixxi d-deċiżjonijiet leġittimi tal-Kunsill u jwaqqaf kull attività jew inizjattiva li jkun ser jagħmel il-Kunsill li tkun kontra l-liġi, ir-regolamenti, strateġiji jew *policies* nazzjonali u lokali, jew kull attività jew inizjattiva li ma tkunx approvata b'deċiżjoni tal-Kunsill.".

Emenda tal-artikolu 53 tal-Att prinċipali.

**34.** L-artikolu 53 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-disposizzjoni li hemm fis-subartikolu (1) tiegħu għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) tal-istess subartikolu u minnufih wara għandhom jidħlu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(b) Id-Dipartiment għal Gvern Lokali jista', wara li ssir talba ġustifikata għal dan l-għan minn Kunsill Lokali, u jkun hemm l-approvazzjoni tal-Ministru, jawtorizza li dak il-Kunsill Lokali jimpjega persunal klerikali aktar mil-limitu stabbilit mil-liġi.

(ċ) Il-Kunsill ma għandux jixtri servizz għal xogħol klerikali."; u

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "Is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra" għandhom jidħlu l-kliem "L-impjegati".

Emenda tal-artikolu 55 tal-Att prinċipali.

**35.** L-artikolu 55 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "l-Għaxar Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "it-Tmien Skeda";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jidħol il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) Il-Kunsill Lokali għandu jħallas il-penali li tiġi stabbilita permezz ta' regolamenti kull meta mingħajr raġuni valida dan ma jissottomettix id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-risposta għal *management letter* fil-ħin stipulat. Din il-penali titnaqqas mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali u ma tingħatax lura meta dawn jiġu ppreżentati."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Kull sena l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jalloka fond biex jagħmel tajjeb għal ko-finanzjament ta' proġetti tal-Unjoni Ewropea.".

Sostituzzjoni tal-artikolu 58 tal-Att prinċipali.

**36.** L-artikolu 58 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"58. Il-Ministru jista’, wara li tkun inkisbet l-approvazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, jistabbilixxi fondi speċjali u jagħmel dawn il-fondi għad-disposizzjoni tal-Kunsilli Lokali. It-tqassim ta’ dawn il-fondi għandu jsir permezz ta’ regolamenti li jagħmel il-Ministru.".

**37.** L-artikolu 63A tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej: Sostituzzjoni tal-artikolu 63A tal-Att prinċipali.

"Ebda donazzjoni minn Kunsill.

63A. Kull donazzjoni kemm fi flus kif ukoll mhux bi flus minn xi Kunsill Lokali hi pprojbita.".

**38.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 66 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "fuq medda ta’ żmien." għandhom jiżdiedu l-kliem "Il-*Performance Indicators* għall-Kunsilli Lokali għandhom jiġu stabbiliti mill-Ministru u għandu jsir assessjar regolari abbażi ta’ dawk l-indikaturi u dak l-assessjar għandu jiġi ppublikat.". Emenda tal-artikolu 66 tal-Att prinċipali.

**39.** L-artikolu 70 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 70 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "għall-anqas darba fis-sena." għandhom jiżdiedu l-kliem "Il-Kunsill Lokali għandu, wara konsultazzjoni pubblika mar-residenti tiegħu, iħejji Pjan ta’ Ħidma ta’ tlett snin li jkun rivedibbli."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 43 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal-laqgħat tal-lokalità.".

**40.** L-artikolu 79 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 79 tal-Att prinċipali.

(a) id-disposizzjoni li hemm fih għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu u t-tieni proviso ta’ dik id-disposizzjoni għandu jitħassar; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Il-Ministru jista’ jagħmel regolamenti sabiex jirregola l-ġemellaġġ bejn Kunsilli Lokali.".

Emenda tal-artikolu 80 tal-Att prinċipali.

**41.** Minnufih wara l-paragrafu (ċ) tal-artikolu 80 tal-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(d) imexxi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali u jara li jingħata s-sostenn meħtieġ lill-Kunsilli Lokali mid-Dipartiment;

(e) jara li d-Dipartiment jipprovdi taħriġ għall-Kunsillieri u għall-impjegati tal-Kunsilli Lokali.".

Żjieda ta' artikolu ġdid ma' l-Att prinċipali.

**42.** Minnufih wara l-artikolu 80 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Meta Kunsill jonqos milli jwettaq xi funzjoni.

81. F'kull każ li xi Kunsill Lokali jonqos milli jwettaq xi funzjoni li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u l-Kunsill jippersisti fin-nuqqas li jwettaq dik il-funzjoni minkejja twissija mogħtija mid-Direttur, dik il-funzjoni tista' ssir minn xi dipartiment, awtorità jew aġenzija għas-spejjeż tal-istess Kunsill Lokali, u dawk l-ispejjeż għandhom jitnaqqsu mill-allokazzjoni finanzjarja ta' dak il-Kunsill Lokali u jgħaddu lil dik l-entità li tkun wettqet dik il-funzjoni minflok il-Kunsill.".

Emenda tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**43.** L-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok id-disinn tal-istemma tal-lokalità Kalkara għandu jidħol dan li ġej:



Il-Kalkara

(b) minflok il-kliem "Qormi (Ċittà Pinto)" għandhom jidħlu l-kliem "Ħal Qormi (Ċittà Pinto)";

(ċ) minflok il-kliem "Żebbuġ (Ċittà Rohan)" għandhom jidħlu l-kliem "Ħaż-Żebbuġ (Ċittà Rohan)";

(d) minflok il-kliem "Żabbar (Ċittà Hompesch)"

għandhom jidħlu l-kliem "Ħaż-Żabbar (Ċittà Hompesch)";

(e) minflok il-kelma "Attard" għandhom jidħlu l-kliem "H'Attard";

(f) minflok il-kelma "Balzan" għandhom jidħlu l-kliem "Ħal Balzan";

(g) minflok il-kelma "Dingli" għandhom jidħlu l-kliem "Ħad-Dingli";

(h) minflok il-kelma "Għargħur" għandhom jidħlu l-kliem "Ħal Għargħur";

(i) minflok il-kelma "Għaxaq" għandhom jidħlu l-kliem "Ħal Għaxaq";

(j) minflok il-kelma "Kirkop" għandhom jidħlu l-kliem "Ħal Kirkop";

(k) minflok il-kelma "Lija" għandhom jidħlu l-kliem "Ħal-Lija";

(l) minflok il-kelma "Luqa" għandhom jidħlu l-kliem "Ħal-Luqa";

(m) minflok il-kelma "Safi" għandhom jidħlu l-kliem "Ħal Safi";

(n) minflok il-kelma "Sliema" għandhom jidħlu l-kliem "Tas-Sliema";

(o) minflok il-kelma "Tarxien" għandhom jidħlu l-kliem "Ħal Tarxien";

(p) minflok il-kelma "Imġarr" għandhom jidħlu l-kliem "L-Imġarr";

(q) minflok il-kelma "Ħamrun" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ħamrun";

(r) minflok il-kelma "Valletta" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Belt Valletta (Città Umilissima)";

(s) minflok il-kelma "Mdina" għandhom jidħlu l-kliem "L-Imdina (Città Nobile)";

(t) minflok il-kelma "Birgu" għandhom jidħlu l-kliem

"Il-Birgu (Città Vittoriosa)";

(u) minflok il-kelma "Isla" għandhom jidħlu l-kliem "L-Isla (Città Senglea)";

(v) minflok il-kelma "Bormla" għandhom jidħlu l-kliem "Bormla (Città Cospicua)";

(w) minflok il-kelma "Siġġiewi" għandhom jidħlu l-kliem "Is-Siġġiewi (Città Ferdinand)";

(x) minflok il-kelma "Żejtun" għandhom jidħlu l-kliem "Iż-Żejtun (Città Beland)";

(y) minflok il-kelma "Rabat" għandhom jidħlu l-kliem "Ir-Rabat (Città Victoria)";

(z) minflok il- kelma "Fgura" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Fgura";

(aa) minflok il-kelma "Floriana" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Furjana";

(bb) minflok il- kelma "Gudja" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Gudja";

(ċċ) minflok il-kelma "Gżira" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Gżira";

(dd) minflok il-kelma "Għarb" għandhom jidħlu l-kliem "L-Għarb";

(ee) minflok il-kelma "Għasri" għandhom jidħlu l-kliem "L-Għasri";

(ff) minflok il-kelma "Iklin" għandhom jidħlu l-kliem "L-Iklin";

(gg) minflok il-kelma "Kalkara" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Kalkara";

(hh) minflok il-kelma "Kerċem" għandhom jidħlu l-kliem "Ta' Kerċem";

(ii) minflok il-kelma "Marsa" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Marsa";

(jj) minflok il-kelma "Mellieħa" għandhom jidħlu l-

kliem "Il-Mellieħa";

(kk) minflok il-kelma "Mosta" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Mosta";

(ll) minflok il-kelma "Mqabba" għandhom jidħlu l-kliem "L-Imqabba";

(mm) minflok il-kelma "Msida" għandhom jidħlu l-kliem "L-Imsida";

(nn) minflok il-kelma "Munxar" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Munxar";

(oo) minflok il-kelma "Nadur" għandhom jidħlu l-kliem "In-Nadur";

(pp) minflok il-kelma "Naxxar" għandhom jidħlu l-kliem "In-Naxxar";

(qq) minflok il-kelma "Qala" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Qala";

(rr) minflok il-kelma "Qrendi" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Qrendi";

(ss) minflok il-kelma "Rabat" għandhom jidħlu l-kliem “Ir-Rabat";

(tt) minflok il-kelma "Sannat" għandhom jidħlu l-kliem "Ta’ Sannat";

(uu) minflok il-kelma "Swieqi" għandhom jidħlu l-kliem "Is-Swieqi";

(vv) minflok il-kelma "Xagħra" għandhom jidħlu l-kliem "Ix-Xagħra";

(ww) minflok il-kelma "Xewkija" għandhom jidħlu l-kliem "Ix-Xewkija";

(xx) minflok il-kelma "Xgħajra" għandhom jidħlu l-kliem "Ix-Xgħajra";

(yy) minflok il-kelma "Żebbuġ" għandhom jidħlu l-kliem "Iż-Żebbuġ";

(zz) minflok il-kelma "Żurrieq" għandhom jidħlu l-kliem

"Iż-Żurrieq"; u

(aaa) minflok il-kelma "Mtarfa" għandhom jidħlu l-kliem "L-Imtarfa".

Emenda tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**44.** It-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Qormi (Ċittà Pinto)" għandhom jidħlu l-kliem "Ħal Qormi (Ċittà Pinto)";

(b) minflok il-kliem "Żebbuġ (Ċittà Rohan)" għandhom jidħlu l-kliem "Ħaż-Żebbuġ (Ċittà Rohan)";

(ċ) minflok il-kliem "Żabbar (Ċittà Hompesch)" għandhom jidħlu l-kliem "Ħaż-Żabbar (Ċittà Hompesch)";

(d) minflok il-kelma "Attard" għandhom jidħlu l-kliem "Ħ'Attard";

